# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert A. Cini)**

**vs**

**Stacy Chircop**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Stacy Chircop ID 395171M** u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli fis-17 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tal-14:00 bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Noel Mifsud Bonniċi CO 175 gwardjan fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, weġġħu bi kliem, ġesti, kitba jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

## DECIDE :

li qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 33A u 252(1) tal-Kodiċi Kriminali u fid-dawl tal-fatt li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, nonche pubblikament u fil-Qorti bil-miftuh talab apoloġija lill-Noel Mifsud Bonnici (debitament aċċettata) tikkundannah għal perjodu ta' tletin jum priġunerija.

***Illum is-27 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***